ŻEBBUĠ

**MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN Nru. 17/2011**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 30 ta' Awwissu 2011**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Emanuel Debono – Deputat Chairperson**
- **Is-Sur Victor Refalo – Membru**
- **Is-Sur George Sacco – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Il-Kav. Carmelo Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Maria Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 15/2011 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Is-Sur Refalo oġġezzjona għad-deċiżjoni meħuda mill-Kumitat li parti minn Triq il-Qbajjar issir *one-way*.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:-

Memo 65/2011 – Skema dwar inizzjattivi ta' attivitajiet 2012. Is-Sindku għarraf lill-Kamra li fid-dawl li l-applikazzjonijiet kellhom jiġu sottomessa sal-Ġimgħa li għaddiet lir-Reġjun ta' Għawdex, saret applikazzjoni għall-attivita' 'Ġmiel ir-Rebbiegħa', l-attivita' li din is-sena ngħatat l-isem 'Ġmiel il-Fatra' u din għat-tieni ġimgħa ta' Mejju 2012.

Memo 66/2011 – Skema ta' finanzjament għal titjib fil-*playing fields* eżistenti.

It-tweġiba tal-avukat tal-Kunsill fir-rigward tat-talba ta' Melissa Portelli.

Komunikat mibgħut mill-Uffiċċju Eko Għawdex tal-Ministeru għal Għawdex dwar it-twaqqif ta' *billboard* fir-rigward tal-proġett ta' Triq il-Qbajjar. Il-Kumitat approva li jsir *billboard* fi Triq il-Qbajjar (jagħmlu Raphael Refalo).

| **Applikazzjonijiet għal permess** | **Deċiżjoni meħuda mill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn** |
|---|---|
| JP2 Youths<br>Art Marathon<br>il-Ġimgħa 2 ta' Settembru 2011<br>fuq il-*promenade* ta' Marsalforn | Approvata. |
| MEUSAC<br>Attivita' biex tagħti tagħrif lill-pubbliku dwar l-UE<br>bejn is-7 u d-9 ta' Settembru 2011<br>fuq il-*promenade* ta' Marsalforn | Approvata. |

Is-Sindku għarraf lill-Kamra li kien avviċinat mill-Pulizija dwar il-permessi li nħarġu tal-imwejjed u li kienu qalulu li dawk il-permessi huma kontra l-liġi.

Abbinata mal-attivita' Summer Event, il-Kumitat qabel li jkun hemm xi tip ta' divertiment.

Awtorita' ta' Malta għat-Turiżmu
Kunċert fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-Turiżmu
is-Sibt 24 ta' Settembru 2011
f' Marsalforn

Approvata.

Il-Kumitat approva spettaklu ta' talent lokali s-Sibt 17 ta' Settembru / il-Ġimgħa 23 ta' Settembru 2011 fuq il-*promenade* ta' Marsalforn.

Kumitat Puttinu Cares Għawdex
Attivita' ta' *car boot sale*
il-Ħadd 4 ta' Settembru 2011
fil-*car park* ta' Marsalforn

Ma kienx hemm oġġezzjonijiet.

Il-Kumitat iddeċieda li jibdel it-tabelli 'No dogs allowed' ta' fuq il-*promenade* tal-Qbajjar.

## 5. ĊENTRU TA' SNAJJA TRADIZZJONALI

Il-Viċi Chairperson qal l-iskop ta' dan il-propost ċentru hu biex inqajjmu snajjiet antiki bħal bizzilla u oħrajn ġewwa Marsalforn. Is-Sur Debono ppropona li dan iċ-ċentru jitwaqqaf fl-*area* maġenb il-*promenade* tal-wied. Qal inkunu nistgħu noffru opportunita' lill-istudenti tal-Iskola tal-Arti u tal-Universita' biex jesebixxu x-xogħol tagħhom u forsi anke ibiegħu mill-prodotti tagħhom.
Kien hemm qbil mal-proposta tas-Sur Debono pero' li jinstab post alternattiv u mhux maġenb il-*promenade* tal-wied.

## 6. BORD B' POSTIJIET TA' INTERESS

Il-Viċi Chairperson ippropona li jsiru bords kbar li jkunu juru postijiet ta' interess u *nature walks* ġewwa Marsalforn.
Kien hemm qbil li ssir *site visit* flimkien mal-Perit.

## 7. ILMENTI

KAM 12/2011 – is-Sur Keith Buttigieg
Isir xi tip ta' *traffic calming* fi Triq ix-Xwejni (bejn il-kantuniera ta' fejn hemm il-*bring-in site* u l-ewwel bini, quddiem il-Bajja tal-Qbajjar). Kien suġġerit li jsiru *rumble strips* fil-bidu ta' Triq ix-Xwejni.

KAM 13/2011 – Diversi
Ilmentaw dwar bandli nieqsa u miksura fil-*promenade* tal-Qbajjar.

KAM 15/2011 – is-Sur George Sacco, membru tal-KAM
Biex isiru *double yellow lines* fuq kull naħa tal-garaxx ta' Sacco Crt, Flt 2 fi Triq Għar Qawqla.
Il-Kumitat approva t-talba tas-Sur Sacco.

KAM 16/2011 – is-Sur Raymond Camilleri
Jiżdied id-*double yellow line* ta' quddiem il-garaxx maġenb ir-residenza Terryfox fi Triq il-Kaptan Frank Debono.
Il-Kumitat approva t-talba għall-estensjoni tas-sinjal.

KAM 17/2011 – Andrew Gatt
Titwaħħal tabella li turi mhux permess li jsir *camping* fil-Bajja ta' Għar Qawqla. Intqal li din hi kwistjoni ta' infurzar.

KAM 18/2011 – is-Sinj. Michelina Bonnici
Issuġġeriet li ssir *changing room* fil-latrina tal-Menqa.

KAM 19/2011 – John Grima
Talab biex jinżebgħah *single yellow line* fuq naħa waħda ta' Triq is-Sajjied. It-talba kienet rifjutata.

KAM 20/2011 – Stephen Abela
Titwaħħal tabella biex tikkumplimenta l-marki ta' mal-art li turi parkeġġ riservat għall-persuni b' diżabilita' quddiem Gelgul Flts, Flt 3A, Triq Barda.
Il-Kumitat approva din it-talba.

KAM 21/2011 – Concetta Custo'
Jinżebgħah *double yellow line* quddiem ir-residenza San Gaetano Flts fi Triq Santa Marija. It-talba kienet rifjutata – is-Sindku qal li hemm tabella tal-*bus stop*.

KAM 22/2011 – Spiridione Camilleri
Isir *double yellow line* fil-kantuniera faċċata tal-garaxx ta' Salvatur Flts fi Triq il-Luzzu. Il-Kumitat approva t-talba.

## 8. MATERJA OHRA

Il-Kumitat qabel li jorganizza *talent show* għat-tfal li pparteċipaw fi Skola Sajf il-Ġimgħa 2 ta' Settembru. Kienet approvata l-kwotazzjoni ta' 2cee Media għal *sound*, dwal u l-palk (€530).

Il-Kumitat qabel:

- il-Perit jintalab joħroġ stima biex jitkompla x-xogħol ta' manutenzjoni fi Triq Daħlet ta' Merżuq (il-ġewwa minn Villa Fiorita).
- tinġibed l-attenzjoni tal-Beach Cleaning Section biex tinbarax il-paletta u s-sellum ta' quddiem l-għassa jsir bi skalluni aktar frekwenti.

- ssir bankina taħt tabella tal-Bus Stop fi Triq Sta Marija.
- tinġibed l-attenzjoni tal-Public Cleansing Section dwar ħmieġ fit-toroq ta' Marsalforn.
- tinġibed l-attenzjoni ta' Transport Malta li hemm tabella ta' Bus Stop nieqsa fi Triq ix-Xagħra.
- titwaħħal tabella li turi 'For domestic use only' maġenb l-i*skips on wheels* tal-*car park*.

Il-Viċi Chairperson staqsa jekk tal-Green MT qattx ħallsu lill-Kunsill għall-ġbir ta' l-iskart separat mill-lokalita?

Is-Segretarja Eżekuttiva wieġbet li bħala flus, il-Kunsill kien għadu qatt ma rċieva l-ebda pagament.

## 9. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00 ta' filgħaxija u l-Kumitat Amministrattiv aġġorna *sine die*.

**Maria Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***